C/2026/3482

30.6.2026

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Parlament Ewropew u mill-Kummissjoni dwar il-mekkaniżmu ta' salvagwardja skont ir-Regolament (UE) 2026/1455 dwar l-aġġustament tad-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka u l-ftuħ ta' kwoti tariffarji għal importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka

(C/2026/3482)

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-importanza li l-Parlament Ewropew jagħti lis-segwitu mill-qrib tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-mekkaniżmu ta' salvagwardja li jippermetti s-sospensjoni tal-preferenzi mogħtija lill-Istati Uniti. Għal dak il-għan, jekk il-Parlament Ewropew jirrakkomanda li l-Kummissjoni tibda investigazzjoni ta' salvagwardja, il-Kummissjoni ser tivvaluta bir-reqqa jekk iċ-ċirkostanzi jiġġustifikawx bidu *ex officio* ta' investigazzjoni u ser tinforma lill-Parlament Ewropew dwar l-eżitu tal-valutazzjoni tagħha.